# AVVIŻI

1. Il-laqghat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Lulju 2005 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Awissu 2005 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 4 ta' Settembru 2005 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 18 ta' Settembru 2005 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Ottubru 2005 fil-5.00p.m.
   Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mheġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud **(bil-Malti u bl-Ingliż)** kif ukoll domni, ***keychains*** u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
   www.ourladyofconsecration.org

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 63 LULJU 2005 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Il-pellegrinaġġ fil-laqgħa ta' Mejju 2005*

## IL-LAQGĦA TA' MEJJU 2005

Għaddiet sena oħra u proprju l-Ħadd l-1 ta' Mejju 2005 fakkarna d-dsatax-il anniversarju mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Wara l-kant ta' "Lil Marija Reġina", il-folla mxiet minn ħdejn it-Troll fit-tarf tat-triq il-qadima filwaqt li ġie rreċitat ir-rużarju.

Mal-wasla tad-devoti quddiem l-istatwa tal-Madonna tkanta l-Innu lill-Madonna, nqrat it-talba tal-Konsagrazzjoni, saret il-viżita lill-Madonna u ċ-ċerimonja tal-qanpiena li biha nagħmlu riparazzjoni għad-dagħa. Imbagħad

għal ftit minuti reġa' dewa ma' l-inħawi leħen il-maħbuba Ġuża tagħna. Il-messaġġ magħżul kien jittratta l-ilma li hemm il-Girgenti u kien fih ukoll ħafna talb minn Ġuża.

Il-qassis mistieden għal din is-sena kien Fr. John Scerri, Ġiżwita li wassal dan il-messaġġ:

## Ġuża qegħda fostna

"Meta l-Kardinal Ratzinger kien qiegħed iqaddes għall-Papa Ġwanni Pawlu fil-funeral tiegħu, huwa qal illi l-Papa kien qiegħed jittawwal mit-tieqa tal-Ġenna, u reġa' qalha f'nofsinhar illum. Qal, "Il-Papa qiegħed jarani nitkellem għall-ewwel darba mit-tieqa li kien jitkellem hu u qiegħed fit-tieqa jħares l-isfel biex jarani." U jiena ngħid li Ġuża qegħda hawnhekk fostna għax Alla l-imbierek iħalli lir-ruħ tmur f'post li kien għażiż għaliha, u hi qegħda hawnhekk magħna. Nirringrazzjawha ta' dan li għamlet, nirringrazzjaw lill-Madonna li għażlitha biex tkun ta' strument biex ixxerred id-devozzjoni tagħha f'Malta.

Tafu intom li meta Ġesù deher li Santa Marija Madalena qalilha hekk, "Tmissnix għax jien għadni ma tlajtx għand Missieri u għand Missierkom." Kemm hija ħaġa sabiħa li aħna għandna lil Alla l-Missier bħala l-Missier tagħna, nirringrazzjawh. Meta darba kont qiegħed f'parroċċa l-Awstralja u ġew xi għoxrin familja biex jgħammdu t-trabi tagħhom, staqsejthom jekk humiex hemmhekk biex jaddottaw lil dawn it-tfal. U kollha qaluli, "Le, dawn m'humiex għall-addozzjoni." Imma għamilt id-domanda għal tliet darbiet u fl-aħħar qamet waħda u qalet, "Iva, jiena ġibtha biex tkun addottata, addottata minn Alla l-imbierek." Kull wieħed u waħda minna aħna wlied Alla, importanti li niftakruha din.

Meta Ġesù kien qiegħed agunija, f'uġigħ kbir, ftakar fik, ra lil wiċċek għax hu Alla, u qal, "Din il-persuna għandha bżonn ta' omm spiritwali." Issa aħna meta jkollna darsa tuġgħana, darsa waħda tajjeb, f'min taħseb l-iżjed? Fid-dentist taħseb u mhux f'ħaddieħor, u fik innifsek. Iżda Ġesù meta kien qed ibati terribilment ftakar fik, ra lill-Madonna, ra lil Ġwanni li kien qed jirrappreżenta lil dawk li jemmnu u qal, "Hekk hu ibnek, ara lil Ommok." Allura nirringrazzjaw lil Ġesù li tana Omm u la tana Omm sinjal li għandna bżonnha għaliex kieku ma kienx jagħtihielna lil din l-Omm.

Tinsewx illi bħalissa Ġesù qiegħed jippreparalek il-post fil-Ġenna, u malli tmut... Ġesù jieħdok għand il-Missier u jgħidlu, "Missier, din hija l-persuna



li għalija Jiena xerridt demmi kollu." U l-anġli kollha jħarsu lejk, plus il-qaddisin, inti tkun l-attenzjoni... U jgħidlu Ġesù lill-Missieru, "Missier din Ġużeppa jew Żeża jew Charlie, din hija r-rigal Tiegħi lilek." Din qegħda fil-quddiesa tafux, li aħna rigal t'Alla. Int ser tkun rigal ta' Ġesù lill-Missier. Ara x'unur kbir Alla l-imbierek ser jagħtik għal ftit servizz li ser tagħtih fid-dinja.

## Batiet bla ma garret

Issa meta Alla l-Imbierek ried isir bniedem mar jitlob lil Marija biex tgħidlu iva u meta... aċċettat il-Madonna daħlet fi trouble kbir. Għaliex? Għax saret omm. Hi għaddielha minn moħħha, "X'ser ngħidlu lil Ġużeppi?" Dan kien l-uniku każ fid-dinja kollha li mara ser issir omm mingħajr ma kienet taf b'raġel. L-uniku każ minn Adam u Eva sa l-aħħar. Allura Ġużeppi miskin ma setax jifhem u hi ma setgħetx tispjegalu u ma qaltlu xejn. Hija damet tliet xhur għand Eliżabetta u meta ġiet lura r-raġel, Ġużeppi, induna u beda jistrombla daqsxejn. Allura ippakkja kollox u qal "naqbad u nitlaq filgħodu kmieni, ma ngħidilha xejn, tmur ma min tħobb hi."

Il-Madonna kienet taf b'dan u kienet umiljazzjoni għalija li qed jaħseb ħażin fiha, imma l-Ġużeppi miskin ma tagħtiħx tort. U waqt li kien rieqed, l-aħħar minuta, ġie anġlu u qallu, "Tibżax, ħudha, dak li għandha huwa bil-qawwa ta' Alla." U Ġużeppi mar jiġri filgħodu, ħabbat il-bieb u qalilha, "Għandi xi ħaġa xi ngħidlek, skużani." Qaltlu, "Skużani ta' xiex?" Weġibha, "Talli ħsibt ħażin." Qaltlu, "Le, ma niskużakx għax inti ma kont ħati ta' xejn." Imma Alla l-imbierek ħallieha tistenna l-aħħar minuta u mbagħad aħna noqgħodu ngorru għax inbatu.

It-tbatija tiegħek ħdejn tal-Madonna x'inhi? Xejn! Hi qatt ma garret. Lanqas meta Ġużeppi qalilha, "Irridu mmorru ħamsa u sittin mil l-isfel lejn Betlehem." Immaġina timxi minn hawnhekk sa Sqallija fuq ħmar b'disa' xhur tqala u aċċettat mingħajr ma garret.

Ukoll meta l-Madonna tilfet lill-binha Ġesù mingħajr ma qalilha fejn ser joqgħod, hi ħassitha mmens. Tant ħassitha li meta daħlet fit-tempju qaltlu, "Għaliex għamiltilna hekk? Qalbna miksura, qgħadna nfittxuk għal tlett ijiem." "Ma tafux li jien kelli nkun f'dar Missieri." Ħassitha ħafna imma ma garritx kontra Alla... Ħassitha l-Madonna daqskemm ħassitha fl-aħħar meta Ġesu spiċċa tliet snin jippriedka u sallbuh. Għamlet dnub il-Madonna? Le,

qatt, għax hija mmakulata. Allura ngħidu, "Sinjur, inti wara li tatek permess illi ssir bniedem bħalna, hekk iġġib ruħek magħha l-Madonna? Tagħtiha dan it-tislib kollu? Dan l-uġigħ kollu?" Jgħidlek, "Inti stenna daqsxejn." L-agħar snin ta' ħajjitna huma l-ewwel mitt sena tagħna. L-ewwel mitt sena tagħna jkunu ħżiena għaliex irridu nimxu f'dan il-wied tad-dmugħ, imma wara mitt sena jiġri dak li ġara lil Ġesù li qam mill-mewt u dak li ġara lil Marija.

Marija hija r-reġina tal-martri, batiet iżjed mill-martri kollha, għaliex kienet tħobb ħafna għalhekk batiet. Aktar ma tħobb aktar tbati u hi ħabbitu lil Ġesù, bħala binha u bħala Alla tagħha. Ara x'imħabba kbira, għalhekk batiet ħafna.

U ngħidu lil Marija, "Lilek x'għamillek Alla l-imbierek wara li kont reġina tal-martri." Twieġbek, "X'għamilli Alla l-imbierek? Ħa ngħidlek x'għamilli. Lili għamilni Reġina tas-Sema u ta' l-Art." Aktar mal-ballun tħabbtu ma' l-art u tumiljah, biex ngħid hekk, aktar jogħla. U inti tibda ssalli għax għandek xi uġigħ. Minflok għidlu, "Mulej, nirringrazzjak għax inti ħa tagħtini rigal għall-eternita'". Ħa tkun ferħan jew ferħana għal dejjem u mhux għal mitt sena imma għal dejjem.

## Jien tiegħek Mulej

Għalhekk ġiet il-Madonna hawnhekk tgħidilna, "Ikkonsagra lilek innifsek lil Alla u mhux moħħok fil-flus, mhux moħħok fl-unuri." Immaġina aħna, malli lilek jirfsulek il-kallu ta' subajk iż-żgħir x'tagħmel? Kemm taqbeż! Taħfer? U x'naħfer, naħfer, din missha rat saqajja. Kulma jiġrilna Alla huwa kapaċi jiġbed il-ġid minnu, qed tifhmuni? Ikun x'ikun kapaċi jiġbed il-ġid minnu. Allura ngħidlu, "Mulej nirringrazzjak tal-ġid li ser tiġbed minn din is-sitwazzjoni." Forsi xi kelma li weġġgħatek... Inti, Alla l-imbierek tak ħalqek u l-ħalq għandu żewġ bibien, wieħed ta' l-avorju u l-ieħor tal-laħam imma ilsienek m'għandux kwiet.

Allura tgħidilha lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni, "Għinni ħalli jien inservi lil Alla bil-kliem tiegħi. Il-kliem tiegħi, irid jiġbed in-nies lejn Alla." Dik li tfisser il-Konsagrazzjoni, jien tiegħek Mulej u rrid niġbed in-nies lejk. Kemm għandna xorti aħna li għandna mara qaddisa, il-Madonna, qed tistenniena...

Issib ħafna nies illum li ma jridux jgħidu r-rużarju għaliex huwa monotonu, għaliex iddum itkarkar fih. Ħa ngħidilkom din. Il-Papa Gwanni



Pawlu kien jgħid ħmistax-il posta kuljum. Il-Madonna li hija ommi, tahieli Kristu fl-aħħar siegħat ta' ħajtu, tiġi mill-Ġenna kemm f'Guadalupe, Lourdes, Fatima, Garabandal, Medjugorje, La Salette, Tre Fontane, kull fejn tidher tgħidilna, "Għidu r-rużarju kuljum." Id-demonju jiġi jgħidlek, "F'wiċċek ħa jibqa' għaliex m'iniex ħa nħallik tgħidu, għax dak monotonu, m'għandekx żmien, għandek ħafna affarijiet x'tagħmel, aħjar toqgħod titlob lil Alla l-Imbierek." Veru li jekk ma tgħidx ir-rużarju ma tkunx qed tagħmel dnub, la mejjet u lanqas venjal, però jekk tgħidu qed tgħidilha lil Marija, "Itlob għalija issa u fis-siegħa ta' mewti," għal ħamsin darba. Allura ngħidu, "Marija għinni ħalli jien nobdik." Ġuża kienet tħobb ir-rużarju ħafna, veru jew le? Ħafna, ħafna kienet tħobbu. Ngħidulha, "Marija, għinni ħalli jiena nagħtik dan ir-rużarju bħala rigal."

Nirringrazzjawha ħafna lill-Madonna u ngħidulha, "Marija inti li dħalt fid-dinja mingħajr tebgħa, aqlgħalna l-grazzja li noħorġu minnha mingħajr ħtija." Ikun imfaħħar Ġesù Kristu."

Wara dan il-messaġġ intqalu t-talba ta' San Ġużepp u San Mikiel u l-laqgħa spiċċat bil-barka saċerdotali.

Din il-laqgħa kienet animata mill-kor tas-Sorijiet tal-Karita' tal-Gudja immexxi minn Margerita Catania. Dan il-kor akkumpanjat mid-daqq tal-kitarri kanta l-innijiet marjani: Ġejt quddiemek nitlob, Talba tal-midneb, O Kemm nixtieq naraha, O Ġilju Bajdani u naturalment Fil-Ħlewwa ta' Mejju.

L-attendenza kienet sabiħa, iżda minn issa nħabirku sabiex il-laqgħa li jmiss, dik li tfakkar l-għoxrin sena tiżboq kull laqgħa li saret s'issa.

**Sylvana Spiteri LL.D**

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*

# GRAZZJI MAQLUGĦA

**T. Cannataci minn B'Kara** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti dwar in-neputi tagħha li għadda mill-eżamijiet.

**N.N. mill-Imqabba kitbet hekk:** Grazzi Marija, Omm Alla u Ommna tar-riżultat li tajtni. Ikollok ħniena minn dawk li jitolbu l-għajnuna tiegħek. Grazzi Ommi.

**M. Cini minn Paola kitbet hekk:** Nirringrazzja lill-Mulej tal-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud. Kont muġugħa mmens imma malli ħadt l-ewwel pillola u tlabt lill-Madonna u lil Ġuża l-uġigħ ċeda.

**C. Frendo minn tas-Sliema** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Ġuża Mifsud, l-operazzjoni tal-by-pass li għamel żewġha għaddiet b'wiċċ il-ġid.

**N.N. minn B'Bugia** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud qalgħet ġrazzja kbira rigward it-tifel tagħha.

**Grace Gauci minn Naxxar** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna qalgħet grazzja kbira. Tgħid li kienet qegħda tbati b'ħafna ħsibijiet iżda darba ħasset lill-Madonna tgħidilha, "Qum u oqgħod kwieta," u minn dak il-ħin ħassitha tajba u reġgħet bdiet tagħmel ix-xogħol.

**T. Attard minn B'Kara** kiteb li kien weġġa' l-kustilji; u l-ingwent u l-pilloli ma swew għal xejn. Talab ħafna lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud u qiegħed santa tal-Madonna fejn kellu l-uġigħ. Beda jisma' min jgħidlu, "Int ħa tfieq, toqgħodx tibża' u tinkwieta." L-uġigħ beda jċedi u seta' jmur lura għax-xogħol.
F'ittra oħra Tony kitbilna li ried jirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud qala' grazzja oħra. Kiteb li meta kien ix-xogħol ħa daqqa fix-xewka ta' dahru. Bil-lejl kien qed iħoss uġigħ fin-nerv ta' dahru. L-għada mar ħdejn il-Madonna u beda jitlobha bil-qalb biex tfejqu. Hu u sejjer lura d-dar beda jħoss sħana qawwija minn għonqu għal dahru. F'qalbu beda jgħid li dan żgur kien miraklu. Fil fatt l-uġigħ għaddielu.

**E. Carabott minn B'Kara** tirringrazzja lil Alla u l-Madonna tal-Girgenti għall-grazzji li qalgħet matul is-sena 2004.



**N. X. minn B'Kara** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud qalgħet diversi grazzji. Tgħid li xi jiem wara li t-tifel tagħha u martu kellhom tarbija (tifel) qalulhom li jridu jibdlulu d-demm iżda l-għada li qalulhom hekk bagħtuh id-dar.

Darba oħra r-raġel tagħha kellu 104 skoruti deni. La ried tabib u lanqas ambulanza. Talbet lill-Madonna u tatu l-ilma minn tal-Girgenti u d-deni għaddielu. Ukoll meta jkollu l-ażma li ilu jbati biha seba' snin, tagħtih l-ilma u tgħaddhilu.

**F. Spiteri minn Għawdex għaddiet dan ir-rapport:** Ommi kellha erba' nagħġiet li kienet tieħu l-ħalib minnhom. Xi sitt snin ilu trabbielhom musmar f'wiċċhom. Il-veterenarju qalli li dawn jittieħdu minn xulxin. Għalhekk jiena li kont naf lil Ġuża għax kont nattendi għal-laqgħat minn qabel ma mietet, tlabt lil ruħ Ġuża biex tinterċedi għalina u taqlgħalna din il-grazzja li għal ommi kien importanti ħafna l-fejqan tagħhom. Wara li tlabt lil Ġuża dan il-fejqan seħħ.

**C. Zammit minn Marsaskala** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala' bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u tar-ruħ tajba ta' Ġuża Mifsud.

**T. Zarb minn Paola** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u t-talb ta' Ġuża Mifsud. Tgħid li kellha marda fil-glandoli, għamlet l-ilma li ħadet mill-Girgenti u l-marda li kellha bdiet itaffi sakemm fieqet.

**N. Farrugia** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna qalgħet grazzja fuq it-tifel ta' bintha li reġgħet telgħatlu xagħru wara li kienet waqgħatlu.

**J. Borg minn Raħal Ġdid** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud qalgħet grazzja kbira. Kienet l-isptar biex tagħmel operazzjoni maġġuri u persuna tatha labtu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Riedu jneħħulha l-utru iżda minflok neħħewla biss parti minnu. Apparti minnhekk hi kienet imdejqa ħafna iżda minn meta kellha l-labtu u talbet lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud, waqgħet fuqha serenita' u ferħ kbir tant li għaddiet il-jiem li kien fadlilha l-isptar b'mod feliċi.

**N. N. miż-Żurrieq kitbet hekk:** Missieri li għandu 90 sena daħal l-isptar għax kien qiegħed ineħħi d-demm ma' l-urina. Wara li sarulu xi testijiet irriżulta li missieri kellu tumur fil-bladder. Aħna mill-ewwel dorna għall-għajnuna lejn Alla l-Imbierek u lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni u tlabna bil-ħerqa.
Reġgħu sarulu xi testijiet u rriżulta li mhux tumur kellu imma infezzjoni kbira fil-bladder. Għalhekk nixtieq nirringrazzja lil Alla l-Imbierek u lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzja li qlajna.